

Brussell, 26 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9660/26

STATIS 44
TRANS 337
COMPET 618

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 242 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2018/643 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 242 final.

Mehmuż: COM(2026) 242 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.5.2026
COM(2026) 242 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont ir-
Regolament (UE) 2018/643 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2018/643 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' teżerċita din is-setgħa biex tqis żviluppi ġodda li jirrikjedu ċerti dettalji tekniċi li jkunu jridu jiġu definiti ħalli jiżguraw l-armonizzazzjoni tal-istatistika. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati sabiex:

- tadatta d-definizzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-punti (8), (9), (10), (21), (22) u (23) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3;
- tistabbilixxi definizzjonijiet tekniċi addizzjonali.

Meta teżerċita s-setgħa tagħha, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tiġġustifika l-azzjonijiet statistiċi stabbiliti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, meta xieraq, ta' analiżi tal-kosteffettività li tivvaluta l-piż fuq ir-rispondenti u l-kostijiet tal-produzzjoni.

Kif speċifikat fl-Artikolu 10(4), qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni trid tikkonsulta esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁽²⁾.

2. BAŻI LEGALI

Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/643, is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mit-13 ta' Diċembru 2016. Id-delega tas-setgħa trid tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' 5 snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni. Il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport fl-2021⁽³⁾. Dan huwa t-tieni rapport.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 1; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/643/oj>).

² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1; ELI: <http://data.europa.eu/eli/agree/interinst/2016/512/oj>).

³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2018/643 dwar l-istatistika tat-trasport bil-

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2018/643, il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

Il-Grupp ta' esperti dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija u l-Grupp ta' koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-trasport iddiskutew it-titjib possibbli tal-istatistika tat-trasport bil-ferrovija u fil-ġejjieni se jibqgħu jiddiskutuh. Il-kostijiet u l-piżijiet potenzjali għall-Istati Membri huma diskussi regolarment.

Il-ħtiġijiet statistiċi li qed jevolvu, li joriġinaw mill-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti (il-miri għall-2020-2050) ⁽⁴⁾ u inizjattivi politiċi oħra, bħall-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)⁽⁵⁾, ir-Regolament dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI)⁽⁶⁾, il-pjan tal-UE għall-ferroviji ta' veloċità għolja⁽⁷⁾ u l-politiki dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea⁽⁸⁾, fil-ġejjieni jaf jirrikjedu li l-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tadatta jew tissupplimenta d-definizzjonijiet tekniċi fir-Regolament (UE) 2018/643.

ferrovija (COM(2021) 98 final, 2.3.2021;
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0098>).

⁴ COM(2020) 789 final, 9.12.2020;
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789>.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024;
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj>.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33;
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1056/oj>).

⁷ https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/rail/high-speed-rail-plan_mt (Disponibbli biss bl-Ingliż).

⁸ COM(2023) 443 final, 11.7.2023;
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52023PC0443>.